MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2006

Appell Kriminali Numru. 56/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jeffrey Cilia)**
**Vs**

**Reginald Bugeja**
**Omissis**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :
1) nhar il-21 ta' Gunju, 2005, ghall-habta tas-1.00 p.m., fl-Imdina, ikkommetta serq ta' zewg basktijiet kontenenti diversi oggetti minn go vettura tal-ghamla Citroen bin-numru SYL 015, liema serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa w li sar ghad-detriment ta' Sylvana Vella;
2) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, f'Malta, laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistata b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra

minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;
3) fl-istess, data, hin, lok, u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara teccedi l-hamsin Lira Maltin (LM50) izda mhux il-hames mitt Lira Maltin (LM500) ghad-detriment ta' Sylvana Vella;
4) rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, diversament preseduti, liema sentenzi saru definittivi w ma' jistghux jigu mibdula jew imhassra;
5) nhar is-16 ta' Gunju, 2005, ghal habta tat-8.00am, fir-Rabat, ikkommetta serq ta' mobile phone tal-ghamla Sharp X 25 minn go vettura bin-numru JMC349, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-detriment ta' Joseph Zerafa;
6) fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, f'Malta, laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;
7) fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), datata 18.11.04, ikkommetta reat li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija.
8) kiser il-provvedimenti ta' l-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 (illum Artikolu 22 tal-Kapitolu 446) tal-Ligijiet ta' Malta, ta' sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-20.01.03, b'liema sentenza kien gie misjub hati ta' reat u liberat taht kundizzjoni li ma' jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin.
9) -- OMISSIS --
10) -- OMISSIS --

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-20 ta' Frar, 2006, li biha, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 261(c) u (g), 267, 271(g), 279(a), 280(1), 281(a), 325(b), 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, w inkwantu ghall-akkuza nru. 8 migjuba fil-konfront tal-appellant Reginald Bugeja, rat l-artikoli 261, 263, 267, 271 u 325, 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta w l-Artikolu 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta,

sabet lill-appellant Reginald Bugeja, fuq ammissjoni, hati tal-ewwel, tat-tielet, tar-raba', tal-hames, tas-seba', w tat-tmien akkuza migjuba kontra tieghu w ikkundannatu in kwantu ghall-ewwel, it-tielet, ir-raba' w l-hames akkuza ghall-piena komplessiva ta' tlett (3) snin prigunerija, w li in kwantu ghas-seba akkuza ordnat li s-sentenza sospiza mill-Qorti tal-Magistrati ta' nhar it-18 ta' Novembru, 2004 tigi reza operattiva, b'liema sentenza gie estiz il-perjodu operattiv ta' zewg sentenzi sospizi moghtija rispettivament fis-6 t'Ottubru, 2000, meta nstab hati w gie kkundannat tmintax (18) il-xahar prigunerija sospizi ghall-sentejn, u fil-11 t'Ottubru, 2000 fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) meta nstab hati w ikkundannat erbatax (14) il-xahar prigunerija sospizi ghall-tlett snin, li allura jigu rezi operattivi u b'hekk l-appellant Reginald Bugeja ghandu jaghmel sentejn (2) u tmin (8) xhur prigunerija rigward din l-akkuza, w in kwantu tat-tmien akkuza kkundannatu ghall-piena ta' sentejn (2) prigunerija, u b'hekk ghandu jaghmel seba' (7) snin u tmien (8) xhur prigunerija b'kollox.
In kwantu ghat-tieni w is-sitt akkuza peress li t-tieni akkuza nghatat bhala akkuza alternattiva ghall-ewwel akkuza w is-sitt akkuza inghatat bhala akkuza alternattiva ghall-hames akkuza, l-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija tieni akkuza w sitt akkuza migjuba kontra l-appellant Reginald Bugeja.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-2 ta' Marzu, 2006, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi
(a) tikkonferma fejn l-Ewwel Qorti astjeniet mit-tieni w mis-sitt akkuza;
(b) thassaraha w tirrevoka kwantu ghas-seba akkuza;
(c) u tapplika piena anqas harxa kwantu ghal kumplament tal-akkuzi dedotti kontra l-appellant.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :- 1. li l-Ewwel Qorti ghamlet zball bil-mod kif ittrattat is-seba' akkuza ossia dik tal-ksur tas-sentenza sospiza waqt il-periodu operattiv taghha. Illi l-appellant ammetta w gie akkuzat biss talli kkommeta**

**reat waqt il-periodu operattiv tas-sentenza sospiza tat-18 ta' Novembru, 2004. Ghalhekk kienet il-piena ta' habs sospiz u mhux effettiv f' din is-sentenza biss li seta' jigi kundannat ghaliha w mhux ghall-pieni precedenti ta' habs sospiz li l-effett taghhom kien gie estiz fl-istess sentenza. Kwindi jsegwi li l-periodu ta' sentejn u tmin xhur prigunerija li ghalihom gie kundannat minhabba s-sentenzi tas-6 t' Ottubru, 2000 u tal-11 t' Ottubru, 2000, oltre ovvjament is-sentejn habs proprju, gie kundannat ghalihom bi zball. Ghalhekk il-piena trid tonqos b' sentejn u tmin xhur prigunerija. 2. Li meta dwar il-kumplament tal-akkuzi l-Ewwel Qorti kkunndannat lill-appellant ghal tlitt snin prigunerija, kienet harxa zzejjed. Illi l-appellant mhux wiehed li l-Qrati hadu pacenzja bih ghax diga' gie kundannat ghal pieni karcerarji. F' dal-kaz kien hemm ammissjoni bikrija w *res furtiva* giet ritornata u l-appellant ser jixhed kontra ko-akkuzat u ghalhekk ghandu jkun hemm riduzzjoni f' din il-piena.**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant, esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;**

**Ikkonsidrat;**

Illi dwar l-ewwel aggravju, jinghid li l-appellant kien ammetta s-seba' addebitu w cioe' li kien ikkommetta reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija fil-periodu operattiv tas-sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fit-18 ta' Novembru, 2004. Pero' f' din is-sentenza, li kopja taghha tinsab a fols. 85 sa 89 tal-process, dik il-Qorti ma kienetx applikat piena karcerarja la effettiva w lanqas sospiza imma biss wahda pekunjarja, fil-waqt li estendiet il-periodu operattiv ta' zewg sentenzi ta' prigunerija sospiza precedenti. L-appellant qed jilmenta li l-Ewwel Qorti ma setghetx tattiva dawn iz-zewg sentenzi precedenti, ghaliex hu ma giex akkuzat bil-kommissjoni ta'

reat fil-periodu operattiv taghhom u kull ma ghamlet l-Qorti tal-Magistrati fis-sentenza tat-18 ta’ Novembru, 2004, kien li estendiet il-periodu operattiv taghhom. Bhala fatt l-appellant hu korrett f’ din l-ahhar s-sottomissjoni tieghu.

**Di fatti is-seba addebitu jghid testwalment hekk :-**

“u aktar talli fil-periodu operattiv ta’ sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 18.11.04 ikkommetta reat li ghalih hemm il-piena ta’ prigunerija.”

**Illi f’ dan l-addebitu ma hemm ebda riferenza ghas-sentenzi precedenti tas-6 t’ Ottubru, 2000 u tal-11 t’Ottubru, 2000 li kienu huma li fihom l-appellant kien gie kundannat ghall-piena ta’ zewg periodi ta’ prigunerija sospiza li bejnithom jammontaw ghal sentejn u tmin xhur.**

**Illi ghalhekk strettament l-Ewwel Qorti ma kellhiex tittratta mall-appellant ghall-kommissjoni ta’ reat punibbli bi prigunerija fil-periodu operattiv ta’ dawn iz-zewg sentenzi – sia pure kif estiz bis-sentenza tat-18 ta’ Novembru, 2004.**

**U ladarba l-Ewwel Qorti kien jidhrilha gustament li l-appellant ma kien ser jigi trattat ghall-kommissjoni ta’ reati mertu ta’ din il-kawza fil-periodu operattiv ta’ dawk iz-zewg sentenzi precedenti – ladarba il-Prosekuzzjoni ma semmiethomx espressament fl-akkuzi dedotti kontra l-appellant – setghet *ex officio* <u>tohrog citazzjoni</u> li biha tordna lill-hati li jidher quddiemha f’ data w f’ hin li jkunu specifikati fiha, jew tohrog mandat ghall-arrest tieghu biex hu jidher jew jingieb quddiem il-Qorti sabiex jigi trattat dwar dawk iz-zewg sentenzi sospizi , kif jipprovdi l-artikoilu 28D (1) u (2) tal-Kap.9.**

**Ghalhekk dan l-aggravju jidher gustifikat u f’ dan l-istadju w sakemm jittiehdu xi passi mill-Avukat Generali jew mill-Pulizija jew mill-Qorti tal-Magistrati a tenur tal-imsemmi artikolu 28D, ma jistghux jigu attivati kontra l-appellant iz-zewg sentenzi imsemmija.**

**Ghalhekk l-aggravju jidher gustifikat u l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fir-rigward tal-attivar ta' dawn iz-zewg sentenzi ghandha tigi ridotta b' sentejn u tmin xhur.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi t-tieni aggravju jirrigwarda l-piena ta' tlitt snin habs erogata mill-Ewwel Qorti ghar-reati mertu ta' din il-kawza ammessi mill-appellant u mhux car jekk jirrigwardax ukoll il-piena ta' sentejn prigunerija erogata mill-Ewwel Qorti ghall-ksur tal-liberazzjoni kondizzjonata li kienet giet moghtija lill-appellant bis-sentenza tal-20 ta' Jannar, 2003, skond it-tmin addebitu.**

**Illi l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi w ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara.** "Ir-Repubbblika ta' Malta vs. David Vella" **[14.6.1999] ,** "Ir-Repubbblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina" **[24.4.2003] u ohrajn.)**

Illi, kif jaccetta l-istess appellant fir-rikors tal-appell tieghu, l-piena ghalkemm harxa, ma tohrogx mill-parametri tal-ligi.

**Illi mill-fedina penali arci-refrattarja tal-appellant jidher li hu nghata diversi opportunitajiet mill-Qrati, pero' xorta wahda ma rriformax ruhu. Minkejja sensiela ta' sentenzi sospizi, liberazzjonijiet kondizzjonali u anki *probation orders*, hu baqa' ghaddej bil-professjoni abitwali tieghu ta' serq, pussess ta' droga w reati ohra, sakemm fl-ahhar intbaghat il-habs darbtejn b'sentenzi effettivi. Altru li urew pacenzja w komprensjoni izzejjed il-Qrati kontra dak li jissottometti l-appellant. Anzi jidher li l-provvedimenti beninji addottati mill-Qrati donnhom aktar servew ta' xprun ghall-appellant biex ikompli jikkometti delitti bl-impressjoni ta' impunita' garantita.**

**Il-konsiderazzjonijiet ta' ammissjoni bikrija w li jista' jixhed kontra xi ko-akkuzat ftit jistghu f' dan il-kaz jghinu lill-appellant biex tigi attenwata il-piena li trid tinghatalu konsidrat li hu *multiple offender* u recidiv. Kif qalet din il-Qorti diversament preseduta mill-Onor. Imhallef Dr. V. De Gaetano (illum Prim' Imhallef) fil-konfront tal-istess appellant fil-kawza** "Il-Pulizija vs. Joseph Zammit u Reginald Bugeja" **[7.11.2002] (fols. 90 sa 92 tal-process), meta kkonfermat sentenza ta' piena ta' tmin xhur prigunerija effettiva :-**

***"…l-imputat Reginald Bugeja ma tghallimx mill-passat tieghu u rega' qieghed il-Qorti akkuzat bir-reati odjerni."***

***"Il-Qorti ma tistax taghti l-impressjoni li bniedem jista' jibqa' jikser il-ligi w ma jbatix il-konsegwenzi penali ghall-agir tieghu."***

"….il-Qorti ma thossx li ghandha tkun klementi mall-imputat Reginald Bugeja u fil-fatt ghalhekk thoss lil-piena idonea f' dan il-kaz hija wahda karcerarja."

**Jekk dik il-Qorti ma setghetx turi klemenza mall-appellant odjern tlitt snin u nofs ilu, wisq inqas tista' taghmel dan din il-Qorti llum, wara li l-appellant kompla zied fir-reati kommessi minnu minn dak iz-zmien 'l hawn.**

**Ghalhekk it-tieni aggravju qed jigi respint u l-Qorti ma tarax li hemm lok ghal xi tnaqqis fil-piena erogata mill-Ewwel Qorti, ghajr dak li ser jigi provvdut wara li gie milqugh l-ewwel aggravju.**

**Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel, tat-tielet, tar-raba' u tal-hames imputazzjoni w fejn ikkundannat lill-appellant ghall-piena komplessiva ta' tlitt snin prigunerija ghal dawn ir-reati w kwantu sabitu ukoll hati tat-tmien addebitu w ikkundannatu ghall-piena ta' sentejn prigunerija, kif ukoll fejn**

**astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni u s-sitt akkuzi, li kienu kapi alternattivi. Tirrevokaha in kwantu ghas-seba' akkuza (Sic! *recte* addebitu) ordnat li fil-konfront tal-appellant is-sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fit-18 ta' Novembru, 2004 tigi reza operattiva , f'liema sentenza kien gie estiz il-periodu operattiv ta' zewg sentenzi sospizi moghtija rispettivament fis-6 t' Ottubru, 2000 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), meta nstab hati li kkommetta serq aggravat u gie kkundannat tmintax (18) il-xahar prigunerija sospizi ghal-sentejn fl-Awla tal-Magistrat Dr. M. Hayman LL.D. u fil-11 t' Ottubru, 2000, fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) fejn instab hati ta' serq aggravat u ikkundannat erbatax (14) il-xahar prigunerija sospizi ghal tlitt snin fl-Awla tal-Magistrat Dr. J. Padovani Grima LL.D. li allura kienu qed jigu rezi operattivi u b' hekk l-imputat appellant kellu jaghmel sentejn (2) u tmin (8) xhur prigunerija rigward din l-akkuza, kif ukoll fejn ordnat li b' hekk l-appellant ghandu jaghmel seba' (7) snin u tmin xhur prigunerija b' kollox. Minnflok tirrizerva favur il-prosekuzzjoni kull dritt li tagixxi skond il-procedura kontemplata fl-artikolu 28D tal-Kap. 9 biex il-Qrati kompetenti jittrattaw mall-appellant ghal-kommissjoni ta' reat li ghalih hemm il-prigunerija fil-periodu operattiv taz-zewg sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-6 t' Ottubru, 2000 u tal-11 t' Ottubru, 2000, kif estiz bis-sentenza tal-istess Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-18 ta' Novembru, 2004. B' dan li l-appellant, f' dan l-istadju, jrid jaghmel hames (5) snin prigunerija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------